## IĊ-ĊIMITERU TA' LAZZARETT

*Ta'* Patri Mattew, Kappuċċin

Nisma' n-nies tgħid: — li taf ġrajjiet mgħoddija —
"Ilu żmien twil,hawnhekk, fl-Għid ta' l-Imwiet,
Qrib nofs il-lejl, minn dawn l-erwieħ minsija
Kienu jaraw kull sena tliet xbejbiet.

Barra mill-oqbra, b'ilħna ta' tbatija
Igħajtu fid-dlam: 'L-imħabba lilna nsiet,
Ġo dan l-għammieq infridna miż-żgħożija
U bqajna' lkoll bla talb u tifkiriet.'

Ix-xniegħa ġriet, li qamu erwieħ mill-qabar,
Beżgħet in-nies u bdiet kull filgħaxija
Maġenb dal-midfen bil-mijiet tinġabar,

Titlob biex Alla jħenn għal dawn l-insara,
Jagħtihom il-mistrieħ, hena u tgawdija,
Sakemm ħadd iżjed lilhom ma żied jara."

## NIFTAKAR

*Ta'* C. Cassar

Dawl u dija f'wiċċ is-sema
Kwiekeb bojod geġwiġija
Nar ta' mħabba daqs ħuġġieġa
Ħassejt fija.

Baħar ħiemed, żiffa friska
Mewġa mejta tbus ix-xtajta.
B'qalbi tħabbat, b'xoffti mriegħda
Bewsa tajtha.

Lwien iserrpu jilmaw fl-ilma
Leħen jidwi tas-sajjieda.
Tlift saltnati, sfajt imjassar
Mingħajr rieda.

Għab il-bnazzi, d-dawl intefa
Siktet l-għanja tar-rebbiegħa.
Snin ta' diwi xejn ma swewli
Biex ninsieha.



# IL-BIBBJA U L-LETTERATURA MALTIJA

*Ta'* Dun Karm Sant

*(Jaqbad man-numru ta' Marzu, 1958 faċċata 21)*

Għal dik li hi immaġinativa milli għidna taraw kemm kienet meħtieġa għall-poeta Lhudi jekk kien irid iqanqal billi jaħsad is-semmiegħ—għidt is-semmiegħ għax il-poeżija dik il-ħabta kienet tinkiteb biex tingħanna—il-Lhudi kien realista; mhux ir-realiżmu marid li jibqa' iħammem fuq l-ikreh tal-ħajja imma r-realiżmu li jara l-ġmiel fil-ħajja, jissokta jsebbħu bl-immaġinazjoni ħalli jqanqal il-qalb u jdawwal il-moħħ. Il-poeta Lhudi kien iħares lejn il-ħolqien u fih kien jara l-mera tal-qawwa, il-kobor, l-għerf u l-imħabba t'Alla; kien iħares madwaru, jilmaħ il-ħajja ssaltan ma' kullimkien, il-ħajja li hi n-nifs t'Alla nnifsu; hu kien iħoss bħal misticismu quddiem in-natura, mhux li jqimha bħal Wordsworth imma li sservih biex jagħraf 'l Alla li ħalqu, qed igħajxu u għażlu b'wild Tiegħu:

Is-smewwiet ixandru l-kobor t'Alla
U għamil idejh tħabbar il-firxa tas-sema
Jum lill-ieħor jagħti l-aħbar.
.........................................
Lix-xemx għamlilha għamar fihom,
Li bħal għarus toħroġ mill-għarix tiegħu
Ferħana bħal ġorf biex tiġri triqtha
Minn tarf is-sema ħruġha
U sa tarf is-sema d-dawran tagħha,
U xejn ma jinħeba mis-sħana tagħha.

**Salm 19, 1-7** (TM)

Ma' din il-ħażna ta' immaġinativa l-poeta Malti għandu x'jieħu kemm irid u jeħtieġ. l-iktar meta llum qed ninqatgħu mill-ħajja tan-natura kif kienu ġafuha s-salmisti Lhud. Mons. Knox dan l-aħħar qal li filwaqt li l-Lhud kienu jgħixu f'art tnixxi ħalib u għasel aħna llum qed ngħixu f'dinja tal-ħalib ippasturizzat u għasel sintetiku. Jekk jiġrilna li ninfatmu għal kollox min-natura l-ideali tagħna, is-sens artistiku u dak kollu li